MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tas-26 ta' April, 2007

Appell Kriminali Numru. 85/2007

Il-Pulizija
(Spt. A. Miruzzi)
Vs
Brian Tonna

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :

1) fil-31 ta' Dicembru, 2006, ghall-habta ta' 1.45 p.m., fi Triq Valletta, Mosta, saq vettura nru. ABB-782 u b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habat f'arblu tad-dawl u nvolontarjament ikkaguna hsarat ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta;

2) involontarjament ikkaguna hsarat fuq railings ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta (Roads Dept);

3) involontarjament ikkaguna hsarat fuq vettura nru. BAC-875 ghad-dannu ta’ Alexander Azzopardi;
4) involontarjament ikkaguna hsarat fuq vettura nru. DBY-399 ghad-dannu ta’ Joseph Mallia.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-27 ta’ Frar, 2007, li biha, wara li rat l-Artikoli 15(1)(a)(2) tal-Kap. 65 u l-artikolu 328 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati tal-ewwel, it-tielet u ir-raba’ akkuzi w ikkundannatu ghal hlas ta’ multa komplessiva ta’ hamsin lira Maltin (LM50), filwaqt li ma sabitux hati tat-tieni akkuza w illiberatu minnha.
Ordnat ai termini tal-artikolu 30 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-iskwalifika tal-licenzja tal-appellant ghal perjodu ta’ xahrejn.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-2 ta’ Marzu, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tilqa’ dan l-appell u thassar, tirrevoka w tannulla s-sentenza appellata kemm il-darba din il-Qorti tilqa’ l-aggravju preliminari tal-appellant. Alternattivament, u kemm il-darba l-aggravju preliminari jigi respint tirriforma s-sentenza appellata billi :
a) thassarha w tirrevokaha fil-parti fejn sabitu hati ta’ l-ewwel, it-tielet u r-raba’ imputazzjonijiet, u minnhom tilliberah skond il-ligi u tikkonfermaha fil-parti fejn ma sabitux hati tat-tieni imputazzjoni. Alternattivament u minghajr ebda pregudizzju ghall-fuq espost, u dan f’kaz li jigu michuda t-talbiet fuq esposti, tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi tigi mposta piena jew sanzjoni aktar gusta u ghac-cirkostanzi partikolarissimi ta’ dan il-kaz, liema sanzjoni ma tkunx tinkludi s-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravji fil-mertu tal-appellant - wara li fl-udjenza tat-13 t’ April, 2007, gie rtirat l-ewwel aggravju dwar in-nullita’ tas-sentenza - fil-qosor, huma s-segwenti w cioe’ :-
li hu instab hati hazin ghaliex mill-provi jirrizulta li hu kien il-vittma u mhux l-awtur tal-incident mertu tal-kawza. Ghalkemm l-appellant ma xehedx quddiem l-Ewwel Qorti, mill-versjoni li hu kien ta lil Pulizija *a tempo vergine* lil PS

664, jirrizulta li hu kien qed isuq lejn il-Belt meta hakk mieghu wiehed b' Porsche li kien qed jaqla' minn-naha ta' gewwa u hu tilef il-kontroll u qabez ic-*centre strip* u habat go tal-linja w go vettura ohra. Minn imkien ma rrizulta li l-appellant kien qed isuq b' mod negligenti jew traskurat imma kien is-sewwieq tal-Porsche, Emmanuel Fenech li kkawza l-incident *de quo* minnhabba n-negligenza w traskuragni tieghu. Dan ghaliex mhux biss kien qed isuq *high performance car* b' velocita' eccessiva, talli qala' minn fuq il-korsija ta' gewwa w habat mal-vettura tal-appellant li kien ghaddej ghall-affari tieghu.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni fl-udjenza tat-13 t' April,2007;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi ix-xhieda mismugha minn din il-Qorti tista' tigi riassunta kif gej :-

**ALEX AZZOPARDI** xehed li hu fil-31 ta' Dicembru, 2006, ghall-habta tas-1.45pm fil-Mosta, kien qed isuq il-car numru BAC-875 sejjer lejn Ta' Qali f'MostaRoad, hdejn il-ground w f' daqqa wahda ra car Peugeot taqbez ic-*centre strip* fuq zewg roti gejja lejh "*wrong side"* u hu waqaf zobbtu u din il-car l-ohra baqghet diehla fuqu wara li habtet ukoll ma bus li kienet qed tigi misjuqa quddiemu fit-triq. Hu sofra LM600 hsarat fil-car tieghu pero' thallas ta' dawn id-danni mill-insurance tad-driver tal-Porsche mhux minn dik tal-appellant. Wara l-incident kien ra li l-Porsche kellu daqqa' zghira, taghtina hafifa fuq ir-*right rear mudguard* fil-gemb. Dak il-hin l-appellant kien qallu: "*Mhux jiena, tal-Porsche"*. Hu pero' ma kienx ra x-gara fuq il-karreggjata opposta bejn il-Porsche u l-Peugeot tal-appellant.

**JOSEPH MALLIA** xehed li hu kien qed isuq il-bus numru DBY 399 sejjer lejn il-Mosta w gej mill-Belt. Waqt li ser jieqaf fuq il-*bus stop*, ra *car* taqbez ic-*centre strip* u din laqtet il-bus tieghu w baqghet titkaxkar lura sakemm laqtet il-*car* l-ohra li kien hemm wara l-bus. Hu kellu bejn LM1500 u LM1600 hsara fil-pjanca tal-bus minn quddiem sa wara. Ghalkemm kien ghadu ma thallasx, kien ser jithallas mill-assikurazzjoni tal-Porsche u mhux mill-assikurazzjoni tal-appellant. Il-Porsche kienet fuq il-karreggjata l-ohra. L-appellant kien wegga' w kellu d-demm. Kien qallu li kienet laqtitu *car* man-naha l-ohra w tellfitu l-kontroll.

**DAVID ZAHRA** kkonferma l-hsarat fl-arblu tal-EneMalta fl-ammont ta' Lm123.99c li, sa fejn jaf hu, ghadha ma thallsitx.

Hemm umbaghad l-affidavit tas-**SURGENT PS 664, JASON XERRI .** F'dan l-affidavit is-Surgent jghid testwalment hekk :-

*"….X' hin mort fuq il-post, irrizulta li vettura XXX 988 misjuqa minn Emmanuel Fenech kienet qed taqla' minn-naha ta' gewwa tat-triq meta hakket ma vettura ABB 782 misjuqa minn Brian Tonna li kien qed isuq fuq in-naha ta' barra tat-triq bil-konsegwenza li Tonna tilef il-kontroll tal-vettura tieghu u baqa' diehel ghal fuq ic-central strip, habat mar-railings tat-traffic lights u habat ma arblu tad-dawl u spicca fuq in-naha l-ohra tat-triq, habat ma truck tal-linja DBY 339 …ghad-dannu ta' Joseph Mallia u habat ukoll ma vettura BAC 975 ghad-dannu ta' Alexander Azzopardi. Waqt dan l-incident kien hemm passiggiera fil-vettura ABB 782 Stephanie Tonna il ikkolloborat mal- (Sic! recte : "ikkorroborat il-") versjoni ta'Brian."*

Fl-okkorrenza tal-Pulizija dwar l-incident umbaghad insibu li l-versjoni tal-appellant kienet testwalment :-

*"Kont qed insuq lejn il-Belt meta hakk mieghi wiehed b 'Porsche li kien qed jaqla' minn-naha tal' gewwa u jien tlift il-kontroll u qbizt ic-central strip u hbatt go tal-linja u hbatt go vettura ohra."*

Insibu imnizzla ukoll il-versjoni tad-driver tal-Porsche , Emmanuel Fenech li qal testwalment :-

*“Kont sejjer lejn il-Belt u kont qed naqla minn-naha ta’ gewwa u hakkejt ma karozza li kienet qed issuq fuq in-naha ta’ barra.”*

**L-APPELLANT** ma xehedx quddiem l-Ewwel Qorti w ergo ma xehedx ukoll quddiem din il-Qorti.

Lanqas ma xehed id-driver tal-Porsche, Emmanuel Fenech.

Ikkonsidrat;

Illi mill-provi fuq riassunti jirrizulta li l-vettura misjuqa mill-appellant indubbjament qabzet ic-centre strip waqt li kienet qed tinstaq mill-Mosta lejn il-Belt u giet fil-karreggjata opposta fejn l-ewwel habtet mall-bus numru DBY-399 misjuqa minn Joseph Mallia u wara habtet ukoll mall-car numru BAC 875 misjuqa minn Alex Azzopardi. Gew kagjonati hsarat konsiderevoli f’ dawn iz-zewg vetturi u fil-vettura tal-appellant li wegga w kellu ukoll xi demm. Mill-affidavit tas-Surgent u mill-okkorrenza jidher li l-appellant mall-ewwel allega li hu kien spicca fuq in-naha l-hazina tat-triq wara li habat ma vettura Porsche misjuqa minn certu Fenech. Di fatti, fuq il-post, wara l-incident, fil-karreggjata opposta nstabet karozza Porsche li kellha xi hsara hafifa fuq ir-*rear right mudguard* taghha. Fl-okkorrenza nsibu ukoll li d-driver tal-Porsche ammetta li l-habta fuq il-karreggjata li tiehu lejn il-Belt kienet saret meta hu kien qed jaqla’ minn-naha ta’ gewwa w hakk ma karozza ohra li kienet qed issuq fuq in-naha ta’ barra. Irrizulta wkoll mix-xhieda tal-prosekuzzjoni li l-hsarat fil-bus u fil-*car* fuq imsemmija kienet hallsithom jew ser thallshom l-assikurazzjoni tal-vettura Porsche u mhux dik tal-appellant.

Ikkonsidrat;

Illi mill-fatti fuq konstatati hu ovvju li l-vettura tal-appellant ma kellhiex tispicca fuq il-karreggjata opposta tat-triq b' perikolu manifest u attwali ghall-utenti ohra tat-triq u dan il-fatt minnu nnifsu johloq certa prezunzjoni ta' htija fuq l-appellant sakemm ma tinghatax spjegazzjoni ghal dan il-fatt sal-grad tal-probabbli li tkun tiskuza l-agir tal-appellant. F' gurisprudenza precedenti din il-prezunzjoni kienet tkun bazata fuq il-principju ta' dritt probatorju kristallizzat fil-*legal maxim* latina: *"res ipsa loquitur".*

Illi l-addozzjoni tad-dottrina tar-*"res ipsa loquitur*" tidher li ghaddiet minn certa evoluzzjoni fil-gurisprudenza taghna tul dawn l-ahhar hamsin sena. Ghall-bidu l-Qrati Taghna - anki fil-kamp penali - kienu ta' sikwiet u regolarment jirrikorru ghal din it-teorija probatorja w insibu diversi sentenzi fejn giet applikata bis-shih fil-qasam penali .

Hekk fl-Appell Kriminali - **"Il-PULIZIJA VS. CASSAR DESAIN"** (13.1.1962) din il-Qorti kienet irriteniet li :-
"*Jistghu jigu assodati serje ta' fatti li jikkostitwixxu dak li "in subiecta materia" jissejjah :*
*"RES IPSA LOQUITUR" - "In such circumstances , the facts speak for themselves, if no explanation is given by the defendant. (DAVIES , "Law of Road Traffic" )"*

u fl-Appell Kriminali - **"IL-PULIZIJA VS. TEMI ZAMMIT"** (13.1.62) kien gie ritenut li :-

*"li dawk il-fatti li jikkostitwixxu "res ipsa loquitur" icedu quddiemhom ix-xiehdiet okulari bhala fehmiet soggettivi ta' nies li kienu dizattenti jew li ghamlu apprezzament zbaljat ."*

u fl-Appell Kriminali - **"IL-PULIZIJA VS. GAETANO FELICE "** (Kollez . Vol. XL, iv p.1187) intqal:-

"*il-hsara li jsofru vetturi f'habta huwa kaz ta' "res ipsa loquitur" f'materja ta' speed."*

u fl-Appell Kriminali - **"IL-PULIZIJA VS. NAZZARENO FARRUGIA"** (Kollez. Vol. XXXIII ; p.968) gie ritenut li :-

*"Accident jista' minnu nnifsu jidher li x'aktarx gara minhabba htija ta' xi persuna milli ghal kawzi ohra. Hawnhekk , fuq il-bazi tal-principju tar-"res ipsa loquitur" jaqa' fuq il-persuna l-piz tal-prova biex juri li f' dak li gara ma kellux htija."*

Illi pero' din id-dottrina giet ezaminata *"funditus"* mill-Qorti tal-Appell tal-Maesta' Taghha r-Regina komposta mill-President Professur Sir Anthony Mamo u l-Imhallfin , l-Professur J.J. Cremona u Joseph Flores, fil-kawza : **"*Edgar Zahra vs. Carmelo Vassallo",*** deciza fil-5 t'April, 1971 . F' dik is-sentenza l-Qorti qalet hekk :-

*"M' hemmx kwistjoni li din id-dottrina giet importata fil-gurisprudenza taghna mill-gurisprudenza Ingliza, li ghaliha f' materja ta' principji jew regoli ohra, l-Qrati Taghna frekwentement jirrikorru utilment. Rigward din il-massima tar-"res ipsa loquitur" jidher....minn diversi sentenzi ohra (e.g. Vol. XXXIII, iv. 934 , 968 , Vol. XXXVI . iv.764 ) li giet bosta drabi invokata u applikata anki fi proceduri kriminali mentri invece, fil-gurisprudenza Ingliza (minn fejn , kif intqal , hadniha ) il-massima ma tidhirx applikata hlief fil-kawzi civili dwar danni bazata fuq "negligence" . Ghad illi f'materja ta' provi f'kawzi kriminali , hemm xi haga li tista' tixbaha , f'dawk li jissejhu prezunzjonijiet ta' fatt (e.g. dak tal-pussess recenti ta' hwejjeg misruqa ) il-massima "res ipsa loquitur" , bhala tali , il-Qorti ma sabitha mkien applikata f'kawzi kriminali , u r-raguni ta' dan naturalment hija illi l-principju li jiddomina fi proceduri kriminali huwa illi bhala regola generali fondamentali , il-piz tal-prova bla dubju ragonevoli hu mixhut fuq il-prosekuzzjoni u , salvi dispozizzjonijiet espressi ta' ligi , jew regoli gurisprudenzjali eccezzjonalissimi li jiddisponu xort'ohra , ebda oneru ta' prova jew htiega ta' spjegazzjoni mhuma mixhutin fuq l-akkuzat jew imputat . Il-Qorti jidhrilha illi, apparti li f 'kawzi kriminali il-massima m'ghandhiex ghall li gej tigi invokata jew applikata, anki f'kawzi civili citazzjonijiet u applikazzjonijiet taghha gja maghmula f'kawzi kriminali ghandhom jitharsu b'ghajn kritika...."*

Illi aktar recentement din il-Qorti diversament preseduta addottat dan l-insenjament u qalet :-

*“in kwantu d-dottrina tar-”res ipsa loquitur” timporta xi spostament tal-oneru tal-prova , tali dottrina ma tista’ qatt issib post fil-kamp penali. In kwantu , pero’, b’ “res ipsa loquitur” wiehed jifhem biss li l-fatti - inkluzi provi indizjarji - “circumstantial evidence” - ikunu tali li l-gudikant ihossu moralment konvint li jista’ jigbed certi konkluzzjonijiet minn dawk il-fatti , allura wiehed m’ghandux jitkellem dwar “res ipsa loquitur” izda dwar dak li fid-dottrina Ingliza jissejhu “presumptions of fact” . “These are all inferences which may be drawn by the tribunal of fact . It is not obliged to draw them as a matter of law even if there is no further evidence ..”* (CROSS. R. “On Evidence (Butterworths, London , 1979) p.124) (App.Krim**. “Il-Puizija vs. Claudia Camilleri”** , per V. De Gaetano J. - 15.11.96)

Illi anki fid-dawl ta’ dan l-insenjament l-aktar recenti, f’dan il-kaz hemm certament *“presumptions of fact”,* u cioe’ din il-prezunzjoni ta’ fatti tqum fejn meta il- “ *fatti pruvati jkunu fihom infushom tant elokwenti li l-interpretazzjoni logika u naturali taghhom necessarjament u ragjonevolment twassal ghall-prova fi grad sodisfacenti ta’ certu fatti.”*

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li f’materja ta’ incidenti stradali l-provi indizjarji hafna drabi jista’ jkunu siewja ferm u xi drabi jistghu anki ikunu siewja ferm aktar minn dawk okulari li, kulltant jistghu ikunu biss soggettivi u kulltant , u x’aktarx iva milli le , ikunu kuluriti b’ dak li jissejjah *“esprit de voiture”.* Umbaghad fejn ma jkunx hemm xhieda okulari li jistghu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li gara, dawn il-provi indizjarji , jistghu facilment u minghajr bzonn ta’ hafna tigbid, jaghtu stampa cara tad-dinamika tal-incident . S’ intendi bhal kull prova indiretta ohra iridu jkunu tali li jwasslu ghal <u>konkluzzjoni univoka</u> u li biha il-gudikant ikun moralment konvint lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta’ kriminali tal-imputat jew akkuzat.

Illi pero' wiehed irid jara jekk jirrizultax l-intervent ta' terzi - bhal xi emergenza subitanea krejata minn xi driver jew utent tat-triq iehor li setghu wassal biex l-appellant tilef il-kontroll tal-car tieghu . L-allegazzjoni tal-appellant li qabel tilef il-kontroll tal-vettura kien sofra impatt ma karozza Porsche li kienet qed tinsaq fuq l-istess karreggjata tieghu u li qalghet mill-korsija taghha issib korroborazzjoni minn provi ohra.

Ghalkemm l-akkuzat mhu tenut li jipprova xejn u jista' joqghod sieket  di fronti ghall-akkuza w l-provi li tressaq il-prosekuzzjoni u, jekk igib xi provi, bizzejjed li dawn ikunu jwasslu sal-grad tal-probabbilita', una volta li jittanta jaghti xi spjegazzjoni, irid l-ewwel nett ikun kredibbli, konsistenti w konvincenti sal-grad tal-probabbilta' f'dak li jghid.

Ikkonsidrat;

Li ghalkemm f' dan il-kaz mal-ewwel daqqa t' ghajn u *prima facie* il-fatt li l-vettura misjuqa mill-appellant spiccat fuq il-karreggjata hazina tat-triq fejn habtet ma zewg vetturi gejjin mid-direzzjoni opposta,  johloq certi *presumptions of fact* kontra tieghu, w ghalkemm id-dinamika tal-incident fuq il-karreggjata opposta bejn il-Porsche u l-car misjuqa mill-appellant mhux maghrufa - ghax la xehed l-appellant u lanqas id-driver tal-Porsche f' din il-kawza - l-appellant bil-versjoni li ta "*a tempo vergine"* lis-Surgent u lill-persuni l-ohra involuti,  pprova sal-grad tal-probabbli li dak li gara seta' ma kienx tort tieghu imma tas-sewwieq tal-karozza Porsche li qalghet mill-korsija taghha, hakket mall-car tieghu w ikkagunatlu emergenza subitanea w telfien tal-kontroll tal-vettura tieghu bir-rizultat fuq imsemmi.

Din ma tidhirx li kienet xi allegazzjoni fierha jew xi trovatura. Ghaliex hu fatt pruvat mix-xhieda li saret habta fuq il-karreggjata l-ohra qabel ma l-vettura tal-appellant qabzet ic-centre strip. Li umbaghad dan seta' u x' aktarx, aktar iva milli le, kien tort tas-sewwieq tal-Porsche hu konfermat mill-fatt li l-assikurazzjoni tas-sewwieq tal-Porsche issaldat u hallset id-danni sofferti mix-xhud Azzopardi w impenjat ruha li thallas id-danni fil-bus tax-

xhud Mallia. Id-ditti tal-assikurazzjoni mhux rinomati li jaccettaw li jerfghu responsabbilta' ghad-danni kagjonati mill-assikurati taghhom jekk ma jkunux altru konvinti li tali responsabbilta' tkun tezisti.

Fic-cirkostanzi ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li l-appellant ta spjegzzjoni, almenu zgur sal-grad tal-probabbli, li dak li gara ma kienx tort tieghu imma tort tal-habta inizjali li kienet giet provokata mis-sewqan hazin tas-sewwieq tal-Porsche, Emmanuel Fenech. Per konsegwenza l-provi indizjarji f' dan il-kaz mhumiex univoci w ma jistghux iwassllu biex din il-Qorti *"safely and satisfactorily"* issib htija fl-appellant ghall-kollizzjoni u l-hsarat fid-diversi vetturi w fl-arblu u r-*railings* sal-grad rikjest mil-ligi.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant mhux hati tat-tieni imputazzjoni w tirrevokaha fejn sabet lill-appellant hati tat-tlitt imputazzjonijiet l-ohra w fejn ikkundannatu hamsin lira multa u skwalifikatu mill-licenzji kollha tieghu ghal zmien xaharejn u minnflok issibu mhux hati ta' dawn l-imputazzjonijiet w tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni w piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------